DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/485

tas-17 ta' Marzu 2025

dwar l-estensjoni tal-azzjoni li ħa l-Health and Safety Executive tar-Renju Unit li tippermetti t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali Biobor JF f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2025) 1565)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 55(1), it-tielet subparagrafu tiegħu, flimkien mal-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Billi:

(1) Fil-1 ta' Mejju 2024, il-Health and Safety Executive tar-Renju Unit f'isem il-Health and Safety Executive tal-Irlanda ta' Fuq ("l-awtorità kompetenti tar-Renju Unit") adotta deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 55(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 li mit-3 ta' Mejju 2024 sat-30 ta' Ottubru 2024 tippermetti t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali Biobor JF għat-trattament antimikrobiku tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq ("l-azzjoni"). F'konformità mal-Artikolu 55(1), it-tieni subparagrafu, ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tar-Renju Unit infurmat lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra bl-azzjoni u bil-ġustifikazzjoni tagħha.

(2) Skont l-informazzjoni li tat l-awtorità kompetenti tar-Renju Unit, l-azzjoni kienet meħtieġa biex titħares is-saħħa pubblika. Il-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru hija kkawżata minn mikroorganiżmi, bħall-batterji, il-moffa u l-ħmira, li jikbru fl-ilma qiegħed u jieħdu vantaġġ mill-idrokarburi fil-fjuwil fl-interfaċċa bejn il-fjuwil u l-ilma. Mingħajr trattament, il-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru tista' twassal għal ħsara fil-magna tal-inġenju tal-ajru, u tipperikola l-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, u b'hekk tipperikola s-sikurezza tal-passiġġieri u tal-ekwipaġġ. Il-prevenzjoni u t-trattament tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika, meta tiġi identifikata, huma għalhekk kruċjali sabiex jiġu evitati problemi operattivi fl-inġenji tal-ajru.

(3) Biobor JF fih 2,2'-(1-metiltrimetilendiossi)bis-(4-metil-1,3,2-diossaborinan) (in-numru CAS 2665-13-6) u 2,2'-ossibis (4,4,6-trimetil-1,3,2-diossaborinan) (in-numru CAS 14697-50-8) bħala sustanzi attivi. Biobor JF huwa prodott bijoċidali tat-tip ta' prodott 6, jiġifieri "preservattiv għall-prodotti matul il-ħżin", kif iddefinit fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. 2,2'-(1-metiltrimetilendiossi)bis-(4-metil-1,3,2-diossaborinan) u 2,2'-ossibis (4,4,6-trimetil-1,3,2-diossaborinan) ma ġewx evalwati għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 6. Billi dawk is-sustanzi mhumiex elenkati fost il-kombinamenti ta' sustanzi/tipi ta' prodotti inklużi fil-programm ta' rieżami fis-17 ta' Marzu 2022, kif stabbilit fl-Anness II tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 [2], mhumiex inklużi fil-programm ta' ħidma tal-eżami sistematiku tas-sustanzi attivi eżistenti kollha li hemm fil-prodotti bijoċidali msemmija fir-Regolament (UE) Nru 528/2012. Għaldaqstant, l-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 ma japplikax għal dawk is-sustanzi attivi u dawn għandhom jiġu vvalutati u approvati qabel ma l-prodotti bijoċidali li jkunu fihom ikunu jistgħu jiġu awtorizzati wkoll fil-livell nazzjonali.

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

[2] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2014/1062/oj).

(4) Fit-2 ta' Ottubru 2024, f'konformità mal-Artikolu 55(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-Kummissjoni rċeviet talba motivata mingħand l-awtorità kompetenti tar-Renju Unit biex l-azzjoni tiġi estiża fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. It-talba motivata saret abbażi tat-tħassib li s-sikurezza tat-trasport tal-ajru tista' tkompli tiġi pperikolata mill-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-arju u l-argument li l-Biobor JF huwa essenzjali sabiex tiġi kkontrollata tali kontaminazzjoni mikrobijoloġika.

(5) Skont l-informazzjoni li tat l-awtorità kompetenti tar-Renju Unit, l-uniku prodott bijoċidali alternattiv rakkomandat mill-manifatturi tal-inġenji tal-ajru u tal-magni tal-inġenji tal-ajru għat-trattament tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika (Kathon™ FP 1.5) ġie rtirat mis-suq f'Marzu tal-2020 minħabba anomaliji serji fl-imġiba fl-inġenji tal-ajru li kienu osservati wara t-trattament b'dak il-prodott. Għalhekk, Biobor JF huwa l-uniku prodott disponibbli għal dak l-użu rrakkomandat mill-manifatturi tal-inġenji tal-ajru u tal-magni tal-inġenji tal-ajru.

(6) Kif indikat mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit, il-proċedura alternattiva għat-trattament ta' kontaminazzjoni mikrobijoloġika eżistenti hija t-tneħħija manwali fit-tank, wara t-tneħħija tal-fjuwil, u t-tindif tas-sistema tal-fjuwil tal-inġenju tal-ajru. Madankollu, dik il-proċedura jaf ma taħdimx dejjem u tkun tesponi lill-ħaddiema għal gassijiet tossiċi u għalhekk, jenħtieġ li tiġi evitata.

(7) Skont l-informazzjoni disponibbli mogħtija lill-Kummissjoni, il-manifattur ta' Biobor JF ħa passi għall-awtorizzazzjoni tal-prodott. Applikazzjoni għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi li fih il-Biobor JF mistennija tiġi ppreżentata sa nofs l-2025. L-approvazzjoni tas-sustanzi attivi u l-awtorizzazzjoni tal-prodott bijoċidali jikkostitwixxu soluzzjoni permanenti għall-futur, iżda jkun meħtieġ ammont sinifikanti ta' żmien għat-tlestija tal-proċeduri ta' approvazzjoni u awtorizzazzjoni.

(8) In-nuqqas ta' kontroll tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru jista' jipperikola s-sikurezza tat-trasport bl-ajru, u dak il-periklu ma jistax jiġi kkontrollat biżżejjed bl-użu ta' prodott bijoċidali ieħor jew b'mezzi oħra. Għalhekk jixraq li l-awtorità kompetenti tar-Renju Unit titħalla testendi l-azzjoni fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

(9) Peress li l-azzjoni skadiet fit-30 ta' Ottubru 2024, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika b'mod retroattiv.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Health and Safety Executive tar-Renju Unit, li jaġixxi f'isem il-Health and Safety Executive tal-Irlanda ta' Fuq, jista' jestendi sal-4 ta' Mejju 2026 il-permess għat-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali Biobor JF għat-trattament antimikrobiku tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru, fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Health and Safety Executive tar-Renju Unit, li jaġixxi f'isem il-Health and Safety Executive tal-Irlanda ta' Fuq.

Għandu japplika mill-31 ta' Ottubru 2024.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2025.

Għall-Kummissjoni
Olivér VÁRHELYI
Membru tal-Kummissjoni